MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru 469/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Cauchi**
***omissis***
***omissis***

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta’ Frar, 2009 u xhur qabel din id-data f’dawn il-gzejjer impjegaw, jew taw xoghol lil persuna li ma kienetx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilu ghal

dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta taht l-artikolu 32(1)(b).

Aktar ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, impjega xi persuna li ma kienitx cittadina ta' Malta meta dik il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol bi ksur ta' Artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuni li impjegajtu persuni ohra, full time, part time jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, qass li jinnotfika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3(a), 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li lliberat lil *omissis* mill-akkuzi migjuba kontra tieghu sabet lil Joseph Cauchi u lil *omissis* bhala President u Segretarju rispettivament tal-Gharb Rangers Football Club hatja tal-akkuzi u ikkundannathom multa kull wiehed ta' elf u hames mitt ewro (€1500.00).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-impujtat Joseph Cauchi minnu pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata b' mod illi filwaqt li tigi kkonfermata l-bqija tas-sentenza l-ohra vis a vis l-imputati l-ohra, tirrevoka l-istess sentenza fil-konfront tieghu billi tilliberah mil-akkuzi kollha u minn kull htija u piena.

**4.** Fliet l-atti kollha processwali inkluza l-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**5.** Semghet ix-xhieda u lill-partijiet jittrattaw l-appell fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2012.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

L-imputat huwa l-President tal-Gharb Rangers Football Club. L-istess Club ried jakkwista s-servizzi tal-hekk msejjah *non-amateur player* barrani tal-football sabiex jilghab mat-tim taghhom u l-ghazla taghhom waqghet fuq Domenic Isamah Matthias, persuna ta’ nazzjonalita’ Nigeriana. Il-Club iffirma mieghu kuntratt li in forza tieghu il-Club ngaggah bhala kalcatur ghall-istagun 2008/2009 u l-kuntratt kien ghall-perjodu mill-1 ta’ Ottubru 2008 sat-30 ta’ April 2009. Il-Club obbliga ruhu li jhallsu pagament mensili ghas-servizzi tieghu, ghalkemm jidher li skont l-istess kuntratt il-kalcatur thallas somma komplessiva mal-firma tal-kuntratt ghas-saldu tal-obbligi finanzjarji tal-Club lejh. Il-kuntratt gie ffirmat ghall-Club mill-imputat bhala President tal-Club kif ukoll mis-Segretarju u t-Tezorier tal-Club. Domenic Isamah Matthias originarjament kellu visa sabiex jirrisjedi Malta izda t-terminu ta’ din il-visa eventwalment skada u l-visa ma regghetx giet mgedda lill-istess Matthias. Barra minn dan Matthias ma kellux permess biex jahdem Malta u ghalhekk meta gie rintraccjat mill-pulizija fis-7 ta’ Frar 2009 Matthias gie eventwalment mnehhi minn Malta, fit-12 ta’ Frar 2009, peress li kien qieghed Malta kontra l-ligi.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

1a. Apparti l-kariga ta’ President li kellu mal-Club l-imputat ma kien b’ebda mod involut f’dan il-kaz. Huwa gie avvicinat biex jokkupa l-kariga ta’ President minhabba d-diffikultajiet finanzjarji li kien jinsab fihom il-Club u rwol tieghu kien iktar illi johrog il-flus minn butu milli haga ohra. In kwantu ghax-xoghol ta’ karti u dokumenti, peress li kien gdid u injorant f’dan ix-xoghol, huwa kien ihalli f’idejn nies li kellhom aktar esperjenza minnu f’dan ix-xoghol b’mod partikolari is-Segretarju u l-Vici President tal-Club li kienu jiehdu huma hsieb dawn l-affarijiet.

1b. L-imputat ezercita d-diligenza kollha biex dan ir-reat ma jsehhx u kien mohhu  mistrieh li sa fejn jaf hu kien kollox in regola u li l-player kien registrat kif suppost mal-

awtoritajiet kollha ikoncernati. Tant il-President ma kienx jidhol f'dokumentazzjoni u xoghol ta' karti li l-kuntratt mal-kalcatur anqas biss gie ffirmat mill-President izda gie firmat minn zewg ufficjali ohra.

1c. Il-funzjoni tieghu fil-club qatt ma kienet li jara u jiehu hsieb dawn l-affarijiet ta' registrazzjoni mal-korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u ma' l-ufficju ta' l-imigrazzjoni; dan kien xoghol is-Segretarju u l-Vici President. Ghalhekk kien nieqes fih id-dolo rikjest mill-ligi u lanqas kien negligenti fil-qadi ta' dmirijietu.

2. Il-ligi fl-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta taghraf li huwa s-segretarju tal-club illi huwa responsabbli ghall-konferma ta' l-adempiment mal-ligi tant li waqt li f'dak l-artikolu jissemmew diversi karigi fosthom dik ta' segretarju imkien ma ssemmi l-president u ghalhekk ghal xi reat simili ghandu jwiegeb is-segretarju ta' kull club u mhux il-president.

3. Ghalkemm il-piena hi wahda fil-parametri tal-ligi u toqrob lejn il-minimu bdanakollu fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena kellha tkun fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat:

**8.** Minhabba l-impatt li jista' jkollu fuq il-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti ser taghmel qabel xejn il-kunsiderazzjonijiet taghha **dwar <u>it-tieni aggravju</u>** qabel tikkunsidra d-diversi riflessi tal-ewwel aggravju.

**9.** Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni li l-ligi fl-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta tirrikonoxxi li l-ufficjal responsabbli sabiex jassigura l-adempiment tal-obbligi legali tal-ghaqda ta' persuni huwa s-segretarju tal-ghaqda tant li huwa dan l-ufficjal li esplicitament jissemma fl-istess artikolu mentri l-kariga ta' president ma tissemma xejn. Huwa minnu li l-kariga ta' president ma tissemmiex fl-artikolu 13 imsemmi izda huwa daqstant minnu li wara li dak l-artikolu jelenka l-karigi ta' direttur, *manager*, segretarju, jzid minnufih wara "jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-

kariga". Din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-President ta' ghaqda ta' persuni jikkwalifika bhala "ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda" u li ghalhekk l-artikolu 13 imsemmi japplika ghal dak l-ufficjal, cioe' il-President, bhal ma japplika ghal direttur, *manager* jew segretarju. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**10.** L-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra d-diversi aspetti tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-appellant fid-dawl tal-konkluzjonijiet minnha gia raggunti dwar it-tieni aggravju tieghu. Id-diversi aspetti ta' dan l-ewwel aggravju ser jigu kunsidrati *seriatim*. Dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, u cioe' l-aggravju 1a, huwa evidenti li certament l-imputat ma jista' b'ebda mod isostni li huwa ma kien involut xejn fil-kaz. Ma tistax persuna tkun tokkupa l-kariga ta' President ta' Club u daqshekk facilment tfarfar minn fuqha r-responsabilita' ghal dak li jsir f'isem il-Club. Kien il-Club li ngagga lill-kalcatur Domenic Isamah Matthias u l-imputat kien il-President tal-Club u ghalhekk hu piuttost eccessiv li l-imputat jipprova jipperswadi lill-Qorti li "huwa ma kien bl-ebda mod involut f'dan il-kaz" u jwarrab fil-gemb il-kariga li kien jokkupa ta' President bil-kliem "… apparti l-kariga illi kellu bhala president ta' dan il-club tal-football" bhalikieku kienet xi kariga ta' purtinar flok ta' President. Il-kariga ta' President ta' entita' hi certament wahda mill-karigi gholjin f'entita' jew ghaqda ta' persuni. Jista' jkun hemm karigi gholjin ohra izda certament dik ta' President ma hix xi kariga ta' min jarmiha bhal ma ghall-konvenjenza jrid jaghmel l-imputat.

**11.** Anqas jista' l-imputat jezimi ruhu minn kull responsabilita' ghal dak li ghandu x'jaqsam xoghol ta' karti u dokumentazzjoni billi jinvoka l-injoranza u inesperjenza tieghu. Jekk kien daqshekk injorant u bla esperjenza allura ma jmessu qatt accetta li jokkupa l-kariga ta' President tal-Club. Ma hux accettabbli li l-President ta' Club isostni li x-xoghol tal-karti u dokumentazzjoni kien jispetta lil haddiehor u allura jaghlaq ghajnejh ghal dak li qieghed jigri jew ghal dak li suppost ikun qieghed jigri izda ma jkunx qieghed jigri. Dan hu dak li fid-duttrina Ingliza jissejjah *wilful blindness* u huwa proprju kontra dan it-tip ta' atteggjament li ried ihares l-artikolu 13 tal-Kap 249

meta pprovda li sabiex ufficjal ta' ghaqda ta' persuni tesimi ruhha mir-responsabilita' ghal reat kommess mill-ghaqda ta' persuni trid turi mhux biss li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha izda wkoll li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Persuna f'kariga ta' responsabilita' bhal ma hi dik ta' President ma tistax' taghlaq ghajnejha ghal kif qed jitmexxew l-affarijiet tal-ghaqda u fl-istess hin tghid li ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Il-President ghandu d-dover li jassigura li l-affarijiet tal-Club jigu kondotti skont il-ligi u jekk jonqos milli jaghmel dan ikun qed jonqos mid-diligenza mistenni li juri fil-qadi tad-doveri tieghu ta' President fosthom li jevita l-eghmil ta' reati mill-ghaqda li jippresjedi.

**12.** Il-parti 1b. ta' dan l-ewwel aggravju gia gie sostanzjalment indirizzat fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-parti 1a. tal-istess aggravju u ghalhekk l-istess kunsiderazzjonijiet mhux ser jigu hawn ripetuti. Ghandu jizdied, izda, li anqas bhala fatt ma jirrizulta korrett dak li jallega l-appellant fis-sens li "Tant il-President ma tantx kien jidhol f'dokumentazzjoni u xoghol ta' karti anki jekk wiehed jara l-kuntratt iffirmat ma' dan il-player Domenic Isamah Matthias, jirrizulta illi l-kuntratt lanqas biss huwa ifirmat mill-president tal-club izda huwa iffirmat minn zewg ufficjali ohra." Ghall-kuntrarju irrizulta li l-kuntratt imsemmi gie ffirmat ukoll mill-imputat bhala President tal-Club (kuntratt fol. 22) kif anki konfermat quddiem din il-Qorti mix-xhud Louis Apap u b'mod aktar evaziv mill-imputat stess.

**13.** In kwantu ghall-aspett 1c. ta' dan l-ewwel aggravju, kienu x'kienu l-arrangiamenti interni dwar id-distribuzzjoni tal-funzjonijiet interni fi hdan l-ghaqda kien id-dover tal-ufficjali tal-ghaqda li jigi assigurat li f'tali distribuzzjoni jittiehed qis tad-doveri imposti fuqhom bil-ligi u in partikolari bl-artikolu 13 tal-Kap. 249. Ma jistghux l-istess ufficjali jezimu ruhom mir-responsabilita' imposta fuqhom bil-ligi billi internament jiddistribwixxu l-funzjonijiet taghhom b'mod li jqeghdu lilhom infushom fil-pozizzjoni li ma jkunux jistghu jespletaw dik ir-responsabilita' bid-diligenza mehtiega minnhom skont il-ligi. Kien obbligu

impost fuq il-President bl-artikolu 13 tal-Kap. 249 li biex jezimi ruhu mir-responsabilita' ghal reati kommessi mill-ghaqda kien mehtieg minnu li jezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan jimplika li kellu d-dover li jezercita dik id-diligenza fis-sorveljanza tal-affarijiet tal-ghaqda biex jevita l-eghmil tar-reat. Tenut kont tal-fatt li huwa kien wiehed mill-persuni li ffirmat il-kuntratt mal-kalcatur il-minimu li kien mistenni minnu kien li jassigura li l-persuna li kien qieghed jingagga in forza tal-kuntratt kellha l-karti kollha in regola u li l-ufficjali l-ohra tal-ghaqda kienu ghamlu dak li kien mistenni minnhom. Minn dan l-imputat ma ghamel xejn u abdika ghal kollox mid-doveri tieghu l-aktar elementari ta' sorveljanza tal-affarijiet tal-ghaqda u sahansitra tal-implikazzjonijiet legali tal-obbligi specifici li kien qieghed bil-firma personali tieghu ghan-nom tal-ghaqda jikkuntratta.

**14.** In vista tal-premess dan l-ewwel aggravju fid-diversi aspetti tieghu qieghed ukoll jigi respint.

**15.** Jonqos li jigi indirizzat **it-tielet** u l-ahhar aggravju tal-appellant dwar il-piena. Wara li l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni il-kariga li l-imputat kien jokkupa meta gie kommess ir-reat kif ukoll ir-rwol dirett li kellu fl-ingaggar tal-kalcatur in kwistjoni din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-piena komminata mill-ewwel Qorti gia hi qrib il-minimu preskritt mill-ligi ma hix tal-fehma li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha in kwantu tirrigwarda lill-imputat appellant Joseph Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------